**SILLABU MA (2008-2010)**

# IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ MA 28

## IS-SILLABU

| **It-Tagħlim Reliġjuż MA28** | (Jingħata f'Settembru wkoll) |
|---|---|
| **Is-Sillabu** | L-1 Karta (sagħtejn), it-2 Karta (Sagħtejn) u t-3 Karta (Sagħtejn) |

**Għanijiet**

Li l-istudenti:

- jiżviluppaw interess fl-istudju aktar profond tar-Reliġjon u tas-sehem tagħha fl-esperjenza umana;
- jkollhom viżjoni aktar oġġettiva u koerenti tar-Reliġjon Nisranija bbażata fuq id-dokumenti rilevanti tat-Tradizzjoni Kattolika;
- jiżviluppaw il-kapaċità li jirrelataw il-messaġġ Nisrani ma' l-esperjenzi bażiċi personali u soċjali tal-ħajja ta' żmienna;
- jersqu lejn l-istudju tar-Reliġjon bi spirtu kritiku, empatiku u ta' riċerka.

**Objettivi ta' l-eżami**

L-istudenti huma mistennija:

1. li juru għarfien oġġettiv tal-mod kif il-Knisja Kattolika tifhem u tippreżenta l-messaġġ Nisrani. Dan għandu jinkludi l-użu tajjeb tat-terminoloġija reliġjuża, talanqas rigward il-kunċetti l-iktar bażiċi. Huwa mistenni li l-istudenti jirreferu għall-Bibbja, għall-Istorja u għad-dokumenti prinċipali tal-Knisja.
2. li jiddiskutu x'rilevanza għandu l-messaġġ Nisrani fil-kuntest storiku u kulturali ta' żmienna, kemm dak lokali kif ukoll dak dinji. Din ir-rilevanza tolqot b'mod partikulari l-esperjenzi bażiċi personali.
3. li jkollhom argumenti tajba u sodi meta jiġu biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' natura reliġjuża u morali.

**L-iskema tal-marki**

L-eżami tat-Tagħlim tar-Reliġjon fil-Livell Avvanzat jikkonsisti fi tliet karti. Kull karta jkollha tliet mistoqsijiet li jridu jintwiegħbu f'sagħtejn. F'kull mistoqsija jkun hemm għażla bejn (a) u (b).

Kull mistoqsija ġġorr l-istess ammont ta' marki; għalhekk it-tliet mistoqsijiet għandhom l-istess valur ta' marki.

L-istudenti huma mistennija li jwiegħbu f'forma ta' komponimenti. Minħabba dan, huwa diffiċli li jkun hemm skema dettaljata ta' kif jingħataw il-marki. Dawn il-parametri, madankollu, għandhom ikunu kkunsidrati serjament meta jingħataw il-marki lill-komponimenti.

a) kemm l-istudenti juru li jafu u fehmu l-kontenut studjat. Dan jinkludi l-użu tajjeb tal-lingwaġġ u tat-terminoloġija reliġjuża, il-preżentazzjoni tad-duttrina jew fatti b'mod oġġettiv, analiżi tajba ta' l-aspetti studjati, il-kapaċità li jagħmlu referenza għall-għejun u d-dokumenti prinċiplai tal-messaġġ Nisrani, il-kapaċità li jiddiskutu dwar ir-rilevanza tas-suġġetti reliġjużi għall-ħajja personali u soċjali.

b) Il-kapaċita` li l-istudenti jaħsbu b'mod kritiku meta jippreżentaw argumenti favur jew kontra xi kwistjoni partikulari: dan jinkludi l-kapaċità li jevalwaw perspettivi differenti, li jippreżentaw argumenti b'mod li jantiċipaw u jwiegħbu għal veduti kuntrarji, li joffru ċerta riflessjoni personali.

Jitilfu ħafna marki dawk l-istudenti li jirripproduċu tweġibiet li jkunu studjati bl-amment minn qabel l-eżami u li ma jkunux jikkorrispondu direttament ma' dak li titlob il-mistoqsija.

Parametru (a) jġorr żewġ terzi tal-marka globali, filwaqt li parametru (b) iġorr terz wieħed.

**Il-Kontenut tas-Suġġett**

L-EWWEL KARTA **Alla ta' Ġesù Kristu**

1. **Alla**

a) Il-persuna umana u l-għarfien ta' Alla.
b) Ir-reliġjonijiet il-kbar (b'referenza għal *Nostra Aetate*)
c) Ir-Rivelazzjoni ta' Alla fl-istorja tas-Salvazzjoni; kif twasslet fil-ħajja tal-Knisja.
d) Il-Bibbja: kif ġiet iffurmata, b'ispirazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha
e) Il-fidi: in-natura u l-karatteristiċi tagħha
f) Alla jirrevela ismu: Alla bħala Missier/Omm
g) Alla Trinità

2. **Il-fidi f'Alla Ħallieq, f'Ġesù Kristu u fl-Ispirtu s-Santu**

a) Il-ħolqien tas-sema u l-art
b) Il-ħolqien tar-raġel u tal-mara: l-oriġini tal-bniedem skond il-ktieb tal-Ġenesi
c) Il-waqgħa tal-bniedem u r-realtà tad-dnub. Id-dnub oriġinali
d) L-eżistenza tal-ħażin u l-providenza ta' Alla
e) Gesù Kristu, veru Alla u veru bniedem, bħala espressjoni sħiħa ta' l-imħabba ta' Alla
f) L-Ispirtu s-Santu fit-twemmin u l-ħajja tal-Knisja.

3. **L-Evanġelju ta' San Luqa**

a) Temi speċifiċi
- L-oriġini u d-destinatarji ta' l-Evaġelju
- Il-messaġġ dottrinali
- Studji dwar l-Evanġelji ta' l-Infanzja: oriġini, valur storiku, importanza dottrinali

b) Testi speċifiċi
- Ir-rakkont ta' l-infanzja (Kap 1,5 sa 2,52)
- Tħejjija għall-ministeru ta' Ġesù (Kap 3,1 sa 4,13)
- Parabboli u mirakli tul l-Evanġelju kollu
- Passjoni, mewt, qawmien u tlugħ fis-sema (Kap. 22, 1-24, 53)

IT-TIENI KARTA **Il-Knisja: in-natura tagħha, il-qima u l-Istorja**

1. **In-natura u l-istruttura tal-Knisja**

a) Il-Knisja fil-pjan tas-Salvazzjoni b'riferenza partikulari għat-tixbihat bibbliċi ta' 'Poplu ta' Alla', 'Ġisem ta' Kristu', 'Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu'
b) Il-karatteristiċi tal-Knisja kif mistqarra fil-Kredu ta' Niċea
c) L-istruttura tal-Knisja: il-ġerarkija, il-lajkat, il-ħajja konsagrata
d) Post Marija u l-Qaddisin fil-ħajja tal-Knisja
e) Nemmen fil-ħajja ta' dejjem

2. **Il-Qima Nisranija**

a) Il-Liturġija fil-ħajja tal-Knisja bħala ħidma ta' Kristu nnifsu u ta' l-Ispirtu s-Santu
b) Iċ-ċelebrazzjoni Liturġika: sinjali u simboli, iż-żmien liturġiku, Jum il-Mulej, is-sena liturġika
c) Il-liturġija f'riti u kulturi differenti. Il-parteċipazzjoni fiċ-ċelebrazzjoni liturġika
d) Is-Sagramenti ta' l-inizjazzjoni nisranija: il-Magħmudija, il-Griżma u l-Ewkaristija
e) Is-Sagramenti għall-bini tal-komunità: l-Ordni Sagri u ż-Żwieġ

**3. Ġrajjiet importanti fl-Istorja tal-Knisja**

a) L-ewwel riflessjonijiet fuq il-Knisja tal-Bidu: Riflessjonijiet Bibbliċi, Ġudaisti, it-Tieni Miġja, l-Iskrittura, in-Naturi ta' Ġesù, l-Istruttura tal-Knisja.
b) L-espansjoni u l-problemi tagħha: il-Paċi Rumana, il-persekuzzjonijiet, l-ewwel kittieba, il-Knisja u l-Paganiżmu.
c) Il-kontribuzzjonijiet ta' San Benedittu, San Girgor l-Kbir u San Bonifaċju lill-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.
d) Karlu Manju u l-Imperu Qaddis Ruman: it-twelid tal-Ewropa magħquda, il-Papat u r-riforma ta' Kluni.
e) San Franġisk u San Duminku u l-Ordnijiet Reliġjużi Ġodda. Il-kontribut tagħhom lejn il-qawmien tat-tagħlim speċjalment permezz San Tumas ta' Aquino.
f) Luteru u r-Riforma Protestanta: Il-Riforma Kattolika.
g) Lejn il-Konċilju Vatikan II u l-iżviluppi ta' wara.

IT-TIELET KARTA **Id-Dinjità Umana u l-Ħajja Morali**

---

**1. Il-Ħajja u d-Dinjità tal-Persuna Umana**

a) Is-sejħa li għandu l-bniedem u d-dinjità tal-pesuna umana
b) Il-libertà u r-responsabbiltà. Id-dmir u d-dritt li niffurmaw u nimxu fuq il-kuxjenza tagħna. Il-libertà reliġjuża.
c) Il-liġi morali. Il-Liġi Naturali. Il-Liġi tal-Patt il-Qadim u l-Liġi l-Ġdida ta' Ġesù.
d) Id-dnub u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

**2. Deċiżjonijiet partikulari ta' natura morali**

a) Ir-relazzjoni ma' Alla permezz tal-fidi, tama u mħabba. Is-superstizzjoni, l-okkult, is-sataniżmu.
b) Id- dinjità tal-ħajja umana. Problemi etiċi marbuta mal-bidu u t-tmiem tal-ħajja, l-abort u l-ewtanasja.
c) Il-viżjoni nisranija tas-sesswalità, l-imħabba tal-miżżewġin, il-paternità/maternità responsabbli, id-divorzju.

**3. It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja**

a) Tisħib responsabbli fil-ħajja soċjali. Il-ġid komuni, rispett lejn il-persuna umana u lejn is-sħuħija tal-ħolqien. Ugwaljanza u differenzi bejn il-bnedmin. Is-solidarjetà bejn il-bnedmin.
b) L-awtoritajiet fis-soċjetà ċivili. Dmirijiet u drittijiet ta' l-awtoritajiet ċivili u taċ-ċittadini. Il-komunità politika u l-Knisja. IL-ħarsien u l-promozzjoni tal-paċi.
c) In-natura u l-iżvilupp tad-duttrina soċjali tal-Knisja Il-proprjetà privata u d-destinazzjoni universali tal-ġid. L-attività ekonomika u l-ġustizzja soċjali. Żvilupp awtentikament uman. Ġustizzja u solidarjetà bejn in-nazzjonijiet. L-għażla tal-fqar.

**Testi Magħżula**

1. **Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika** (*sezzjonijiet rilevanti*)
2. **L-Evanġelju ta' San Luqa**.

**Kotba suġġeriti**

1. **Il-Bxara t-Tajba skond San Luqa**, Għaqda Biblika Maltija, Malta 1990
2. **Pilgrim Church** by William J. Bausch, Twenty-Third Publications, Bayard, Mystic, CT.
3. **Wirt il-Kristjaneżmu** ta' Rev. Nikol Aquilina, Media Centre Publications, 1998
4. L-Enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawl II, **Sollicitudo Rei Socialis** (Kapitli 4 u 5)